Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dr Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Eman Hayman)

Vs

Owen John Mizzi

Kumpilazzjoni Numru: 474/2022

Illum 02 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar il-25 ta' Awwissu 2022 kontra:

**Owen John Mizzi** ta' 31 sena ben Anthony u Josephine nee` Camilleri li twieled gewwa Zabbar nhar is-6 ta` Jannar 1991, idikjarat li jirrisjedi

gewwa l-indirizz 97, Dual Zone, Flat 5, Triq is-Silla Marsaskala u detentur tal-karta ta` l-identita 59591M[1]

U nakkuzah talli nhar l-24 ta` Awwissu 2022 ghal habta ta` 7am u fis-sieghat u, jew fil-granet u , jew gimghat ta` qabel, gewwa iz-zona industrijali ta` l-Mriehel u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer Maltin

1. Uza zjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikolgika, u jew sfurzar, sabiex igieghel taghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew izola jew illimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment ta` ommu Josephine Mizzi u li l-akkuzat kien qabel instab hati ta‘ delitti ta‘ natura simili.
2. Permezz ta` xi network jew apparrat ta‘ komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lill ommu Josephine Mizzi, taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.
3. Hebb sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil ommu Josephine Mizzi jew lil haddiehor, kemm-il darba l-gatt ma jkunx jaqa‘ taht xi dispozizzjoni ohra ta‘ dan il-Kodici.
4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra fil-kodici kriminali lil ommu Josephine Mizzi jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Kiser ordni tal-probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta` Malta fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrat (Malta), preseduta minn Magistrat Dr Rachel Montebello datata 21 ta`

[1] Folio 2-3 tal-process.

Frar 2022 fej gie liberat  bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil Owen John Mizzi bhala persuna recediva meta gie sentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan bi ksura tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Owen John Mizzi a beneficju ta` ommu Josephine Mizzi u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` tal-vittmi msemmija kif ukoll ghall-familjari taghhom u f'kaz ta` htija ma` kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija getilment mitluba sabiex f`kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li niprometti li nesebixxi l-fedina penali kif ukoll estratt mill-att tat-twelid tal-imsemmi Owen John Mizzi nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Rat il-fedina penali tal-imputat.[2]

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu meta gie imressaq b' arrest quddiem il-Qorti.[3]

Rat l-istqarrija tal-imputat prezentata in atti a folio 17 sa 19 tal-process.

Rat l-artikoli tak-ligi li tahthom tista' tinstab htija fl-imputat mahruga mill-Avukat Generali fin-nota datata 23 ta' Frar 2023 fejn l-imputat qed jintalab biex jigi gudikat fuq ksur tal-artikoli 17, 19, 23(1), 23(2), 23(3), 23(4), 31, 49, 50, 328A, 383(1)(2)(3), 384, 385, 386, 532A, 532B, 533, 251(1)(2)(3), 221(1)(a), 251H(a), 251H(b), 251H9c ), 251H(f), 251(H)(i), 208AC(2)(c ), 251HA, 202(h)(iii)(v)(vii), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 7, 21(1)(2)(3)(4) u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. [4]

Rat ukoll li l-imputat ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex il-kawza tieghu tkompli tinstema' sommarjament u jigi iggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2023[5].

[2] Folio10-11 tal-process.
[3] Folio 20 tal-process.
[4] Folio 128 tal-process.
[5] Folio 132 tal-process.

Rat u qieset l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar is-26 ta' Marzu 2024.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

L-imputat huwa iben il-kwerelanta Josephine Mizzi fejn din irrapurtat lill-pulizijan li nhar l-24 ta' Awwissu 2024 waddab siggu fid-direzzjoni taghha, ma laqathiex pero' laqat il-vettura taghha fuq is-saqaf taghha. Jidher li f'dak il-jum stess cemplilha u beda jghajjarha gagbina u xewwiexa. Jidher ukoll li dan l-atteggament kien ilu sejjer xi zmien qabel din id-data u qed johloq biza' lil ommu.

Owen John Mizzi gie arrestat u mressaq ghal gudizzju quddiem dawn il-Qrati fejn wiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

Xehdet **Josephine Mizzi** nhar it-31 ta' Awwissu 2022 fejn wara li giet debitament imwissija skond il-ligi ghazlet li tixhed.[6] Tghid li l-imputat

[6] Folio 36 tal-process.

ghandu problema tad-droga. Tghid li jabbuza minnha ghax hija pensjonanta u jhaddimha. Tghid li kienet ilha tissaportih. Tghid li meta kienu l-hanut beda jabbuza. Tghid li waslet fis-sitta neqsin kwart ta' fil-ghodu u ma hallitux jaraha. Basret li beda ihawwad minn fil-ghodu meta dahal juza t-toilet tal-pubbliku. Issostni li peress li naqqas lill-haddiema kellha tidhol hija bil-fors ix-xoghol. Tghid li hija ghajjiet u ghandha 66 sena. Tkompli tghid li gol-fond beda joffendiha b' ommha u hija qabdet ic-cwievet tal-karrozza taghha. Marret fil-vettura taghha u ma itx ghada lanqas startjat li ma semghetx '*boom*' li ma indunatx li tefghalha siggu fuq il-karrozza taghha. Tishaq li anki l-mobile qabad u kissirulha.[7] Tkompli tghid li wara l-Covid in-negozju marlu lura u li binha Chef prim. Issostni li t-tbatija taghha ilha ghaddejja minn Jannar u issostni li kienet titolbu biex ihallasha tal-anqas ghoxrin Ewro (€20) kull darba li tmur. Tghid li bintha hargilha cancer fil-pulmun u l-imputat kien jipprova jghinha milli jista' billi jsajrilha. Issostni li anki l-uliedu beda jitraskura tant kemm beda jabbuza bl-eroina. Tghid li lanqas setghet tmur il-post ta' Ghawdex tant kemm kien idahhalha xoghol. Tiddiskrivi li anki meta kienet tikbi fil-hanut l-imputat kien icanfarha.

Kontro-ezaminata tghid li dan ir-rapport fuq binha sar minhabba l-abbuz tad-droga. Tghid li mill-vettura ma jimpurtahiex pero' trid tghinu. Hija marret ghand il-pulizija biex tghin lil binha u li l-hanut kienet tmur kuljum biex tghinu bhala ommu. Qatt ma kaxkarha fizikament. Tghid li l-argument tas-siggu laqat il-karrozza u mhux lilha. Meta waddab is-siggu kien fuq is-seat tax-xufier. Tghid li l-flus ma kinitx ser titlobhomlu kieku kien qed jirsisti ghall-hanut. Minghajr droga hu jkun tajjeb.

[7] Folio 43 tal-process.

Rega' xehdet Josephine Mizzi nhar il-31 ta' mejju 2023 u tishaq li meta ma kienx ikun taht l-effetti tad-droga kien igib ruhu maghha differenti hafna.[8] Tghid li minn naha taghha qed tibni relazzjoni gdida ma bina. Issostni li l-imputat ghad ghandu bzonn l-ghajnuna.

Xehed **l-iSpettur Eman Hayman** nhar l-10 ta' Ottubru 2022 fejn spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni.[9] Fis-sustanza l-ispettur ikkonferma li l-problema tal-imputat hija ikkawzata mill-abbuz tad-droga. Jghid li hu kien jizvoga r-rabja tieghu fuq ommu. Hu ipprezenta sentenza fil-konfront tal-imputat moghtija mill-Qorti diversament preseduta per Magistrat Dr. Rachel Montebello.[10]

Kontro-ezaminat jghid li l-vittma kienet gol-vettura meta twaddab is-siggu. Ma kienx hemm kuntratt tal-impjieg bejn l-omm u l-imputat. Ma kienx hemm xejn fiziku biex ikaxkarha biex ommu tmur ghax-xoghol. Ma kienx isawwatha pero' kien jirrabja u jinsulentaha.

Rega' xehed l-ispettur Eman Hayam nhar il-31 ta' Mejju 2023 jghid li skond ommu l-problema tad-droga kienet wahda akuta.[11] Jghid li l-imputat kellu element ta' paranoja. Jghid li l-kwerelanta kienet imdejqa ghax ma setetx tmur ma' binta l-isptar. L-imputat qatt ma wera vjolenza fizika fuq ommu.

[8] Folio 140 tal-process.
[9] Folio 93 tal-process.
[10] Folio 100 tal-process.
[11] Folio 136 tal-process.

Xehdet **Stefania Calafato Testa** nhar l-10 ta' Ottubru 2022 fejn edzebit dokument a Folio 107 dwar kawzi decizi u pendenti fil-konfront tal-imputat quddiem dawn il-Qrati.[12]

Xehed **Keith Cutajar** nhar it-18 ta' Jannar 2023 fejn xehed fuq l-informazzjoni fuq in-numri tal-mobile tal-imputat u tal-kwerelanta ommu. Hu ezebixxa r-rapport tieghu dok KC a folio 119 tal-process.[13]

Xehdet **Charisse Boffa** nhar il-25 ta' Ottubru 2023 li tghid li l-imputat kellu trobbija tajba imma ta' eta' zghira beda jabbuza mid-droga. **Tghid li kemm kien ilu jigi sewgit inqabad jaghti urine ta' haddiehor**.[14] **Issostni li l-attendenza mal-key worker kienet inkonsistenti. Ma jidhirx li huwa daqsekk motivat biex jeghleb il-problema tad-droga.[15]** Tghid li r-relazzjoni ma' ommu hija wahda turbolenti u hemm nuqqas hafna ta' komunikazzjoni. Issostni li l-gheruq tal-problema hija d-droga.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qabel ma taghmel osservazzjonijiet ohra tinnota zewg fatturi li jidhru li huma ta' natura importanti li jirrigwardaw lill-imputat:

1. Li huwa ghandu problema kbira ta' droga;

---

[12] Folio 106 tal-process.

[13] Folio 125 Ewro 721.56c.

[14] Folio 145 tal-process.

[15] A Folio 161 tal-process Boffa tghid is-segwenti: **'Sfortunatament Owen jibqa' jimminimizza l-problema li huwa ghandu u ma jidhirx li huwa motivat biex jahdem fuq ir-realta' b' mod iktar holistiku billi jsegwi programm residenzjali.'**

2. Li huwa qed jimminimizza din il-problema u li ghadu sal-lum ma jridx jindirizzaha bis-serjeta'.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat huwa akkuzat taht l-artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:

*251 (1) Kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħall issir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan.*

*(2) Jekk il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena msemmija fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan.*

*(3) Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn:*

*Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn. (Sottolinejar tal-Qorti)*

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-Artiklu ghalhekk jirrikjedi li l-awtur tar-reat, irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk, illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata, sabiex iddejjaq u tivvessa. Il-Qorti ghalhekk tqis illi hemm distinzjoni cara bejn dik l-imġieba li qed toħloq fastidju, u dik li toħloq sempliċement inkonvenjent[16]. Illi anke l-istess ligi taghmel din id-distinzjoni u kien proprju ghalhekk li saru diversi disposizzjonijiet tal-ligi biex jipprovdu ghal reati differenti.

Illi t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno, huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv, filwaqt peró, li jittieħed qies tac-cirkostanzi kollha tal-każ holistikament u fit-totalita taghhom.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Raymond Spiteri**, deciza fis-26 ta' Mejju, 2016, fejn dik il-Qorti ghamlet ukoll id-distinzjoni bejn il-kuncett tal-fastidju u dak tal-inkonvenjent u tenniet: "L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop…….. Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju."

[16] Appell Kriminali Il-Pulizija vs massimo Trivisini

Dwar dan ir-reat l-Archbold jgħid dan li ġej: '….. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2)[17] provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, Douglas Brown J held that there being no definition of harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse to the proceedings in Parliament as an aid to construction because of the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable. Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."[18]

Il-Qorti l-Appell fil-kawza deciza fid-29 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon** il-Qorti tal-Appell irriteniet: "Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lill-vittma tieghu bl-imgieba

[17] Protection from Harassment Act

[18] Ara wkoll Appell Inferjuri Il-Pulizija vs Carmelo Vella deciza 14 ta' Mejju 2012.

tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi: "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis- subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn '...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", ...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar- retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din, il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- "…. f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il- Qorti tkun

tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien."

Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju ‘illeċitu’ o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero’ li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ- ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

Illi f’kaz konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet: “L-azzjoni tal-appellant, tista’ tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f’dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta’ zamma ta’ annimali f’tali stat li b’intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta’ fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop.” Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju.” (Il-Pulizija vs Raymond Spiteri App. Inf. 26/05/2016)

Din il-Qorti tqies li ghalkemm il-parti leza ressaq provi dwar dak li jikkostitwixxi l-inkonvenjent li qed jigi ikkrejat lilu mill-imputat, madanakollu ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi dan l-agir da parti tal-imputat kien specifikatament intenzjonat sabiex idejjqu jew jivvessah. Irrizulta li l-imputat bl-ghajnuna ta’ bintu u r-ragel taghha segwa r-rakkomandazzjonijiet moghtija lilu mill-ufficjali ta’ sanita u assigura ruhu li l-post jinzamm nadif filwaqt li ha l-mizuri biex joqtol il-grieden

li jidhlu fl-istess proprjeta' tieghu. Dan ifisser allura illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ir-reat ravvizat fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali ma isibx applikazzjoni u allura din il-Qorti tqies li din it-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata."

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar il-fatt li l-omm kienet qed tmur minn jeddha tghin lil binha fin-negozju tieghu u dan bl-ebda hlas. Din hija xi haga pjuttost komuni fil-kultura taghna li genitur jghin lil uliedu minghajr hlas anki wara z-zmien tal-irtirar biex b'hekk jara lil uliedu javvanzaw. Il-kwerelanta ghamlitha cara u tonda li hija kienet lesta li taghmel dan is-sagrificcju, pero' li beda jirritaha, iweggaghha u jirrabjaha kien li dan l-isforz enormi taghha kien qed imur fl-abbuz tad-droga minn naha ta' binha. B'hekk il-Qorti ma tista' qatt tirravviza l-elementi li jsawwru dan ir-reat ghax l-azzjoni tal-omm ma kinitx suggetta ghall-vjolenza fizika, morali jew psikologija, imma kienet biss frott ta' imhabba estrema minn naha taghha. Hija kienet libera li ma taghmilx dak ix-xoghol u ma jirrizultax sal-grad rikjest mil-ligi kriminali li b' xi mod kienet sfurzata taghmel dan fit-termini preskritti mill-artikolu 251 tal-Kapitolu 9. Dak li kien qed jaghmel l-imputat bla dubbju ta' xejn beda jikkrea inkonvenjent kbir lill-ommu.[19] Maghdud ma' dan il-prosekuzzjoni naqset ukoll milli ggib prova li l-kwerelanta

[19] Ara d-differenza bejn fastidju u inkonvenjent fil-kawzi **Il-Pulizija vs Justin Cutajar** deciza fit- 28 ta' Lulju 2021 minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta mill-Magistrat Dr Simone Grech u **Il-Pulizija vs Monique Vella et** deciza fil- 21 ta' Lulju 2022 minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta per Magistrat Dr Charmaine Galea.

kienet qed issofri xi pressjoni psikologika jew morali lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.[20]

Ghaldaqstant, il-Qorti, abbraccjati l-principji fuq eneuncjati, fid-dawl tal-provi mressqa tqis li ghandha tillibera lill-imputat mill-akkuzi taht l-artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif elenkati fin-numru 1 tal-artikoli hekk kif mahruga mill-Avukat Generali.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat li ikkommetta reat taht l-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:

*49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra,jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt* dan l-Att *u jista', meta jinsab ħati, jeħel multata' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra*

[20] Kien ikun tajjeb biex tilhaq dan il-grad ta' prova li l-prosekuzzjoni iggib evidenza per ezempju li l-allegat vittma giet ezaminata minn psikologu jew psikjatra in konnessjoni ma' l-agir ta' binha u issir prova ta' dan fl-atti.

*ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat."*

Il-Qorti ghal dak li jirrigwarda komunikazzjoni bejn l-imputat u ommu taqbel mad-difiza li l-akkuzi ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali. Il-fatt li kien hemm komunikazzjoni bejn l-iben u l-omm ma jfissirx li kien hemm dak il-fastidju jew l-uzu hazin tal-mezz kif jirrikjedi l-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni kellha wkoll tipprova li l-kontenut ta' tali komunikazzjoni kien wiehed li johloq fastidju jew b'xi mod iehor mhux ravvizat mill-uzu xieraq tal-istess mezz ta' komunikazzjoni, prova li ma tirrizultax mill-atti.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ghandha tillibera lill-imputat mill-akkuza numru tnejn kif elenkata fl-artikoli mahruga mill-Avukat Generali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu gustament jemfasizza l-incident li sehh fl-24 ta' Awwissu 2022 fejn jidher li kien hemm xi diskors xejn pjacevoli mill-imputat fid-direzzjoni tal-kwerelanta ommu u li ftit tal-minuti wara meta din halliet il-hanut, hu qabad siggu u tefghu fid-direzzjoni taghha meta hija kienet gol-vettura bir-rizultat li laqat il-vettura ta' ommu.

**Ghal-kuntrarju ta' dak li qed jittanta jaghmel l-avukat difensur tal-imputat, l-atteggament tal-imputat fil-konfront ta' ommu hu**

**certament censurabbli.** Il-fatt li wiehed ikompli jaggrava dan l-atteggament fuq mara anzjana ta' 'l fuq minn 65 sena, li wara kollox tigi ommu, billi jitfa' siggu fid-direzzjoni taghha biex juriha ir-ringrazzjament tieghu (?!) talli din kuljum, jew kwazi kuljum, kienet tmur tghinu fil-hanut ghal diversi sieghat hu certament gravi hafna. Hawn din il-Qorti ma taqbel xejn mal-linja tad-difiza tal-imputat fejn jipprova jizminwixxi dan il-fatt. Il-fattur tad-droga huwa biss attenwanti imma bl-ebda mod ma jista' johloq difiza tajba jew xi tip ta' gustifikazzjoni.

Mill-provi mressqa, l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova t-tielet u r-raba akkuza u ghalhekk tqis illi ghandha issib htija fl-imputat fir-rigward tal-istess akkuzi.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat ukoll li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*L-Artikolu 49. (1) jipprovdi: Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal* ***reat*** *b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*[21]

*L-Artiklu 50 jipprovdi: Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel* ***delitt*** *ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra*

[21] Enfazi tal-Qorti (Reat ifisser delitti u kontravenzjonijiet)

*kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*[22]

Il-prosekuzzjoni ipprezentat vera kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Owen John Mizzi datat 21 ta' Frar 2022.**[23] Skond ir-rapprezentat tal-Qorti din is-sentenza hija *res judicata*.[24] *F'din is-sentenza l-imputat tqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*[25]. Ma giet ipprezentata l-eba sentenza li inghatat minn din il-Qorti kif diversament ppreseduta nhar l-24 ta' Jannar 2013 per Magistrat Dottor Carol Peralta.

**Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati taht l-artikolu 49 u mhux taht l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ser issib lill-imputat hati tal-kontravenzjonijiet kollha in relazzjoni mal-incident tal-24 ta' Awwissu 2022. L-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali jaqra s-segwenti:

*(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma –*

*(a) id-detenzjoni;*

[22] Enfazi tal-Qorti.
[23] Folio 100 tal-process.
[24] Folio 106 tal-process.
[25] Folio 104 tal-process.

*(b)l-ammenda;*

*(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.*

*(3) Taħt l-isem ta' "pieni li jnaqqsu l-libertà persunali" jidħlu l-pieni tal-priġunerija u tad-detenzjoni.*

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-artikoli relevanti fl-opinjoni ta' din il-Qorti huma s-segwenti:

*7.(1) Il-qorti tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu li ġej, minflok tagħti sentenza dwar il-ħati, tagħmel ordni ta' probation, jiġifieri, ordni li tkun teħtieġ lill-ħati li jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-probation għal perjodu li jiġi speċifikat fl-ordni ta' mhux inqas minn sena u mhux aktar minn tliet snin.*

*(2) Kull ordni magħmula skont is-subartikolu (1) għandha biss issir jekk:*

*(a) persuna tiġi dikjarata ħatja ta'* ***reat, li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda***[26]*, u għax ma jkunx reat li apparti minn kull żjieda fil-piena minħabba f'li jkun wieħed li jkompli jew f'dikjarazzjonijiet ta' ħtija preċedenti, li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien mhux iktar minn seba' snin;*

.........................................................................................................
.............

[26] Enfasi ta' din il-Qorti.

*23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon tagħha tad-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-**reat** ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat.*

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-**reat** li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).*

*(3) Is-subartikolu (2) **m'ghandux japplika** meta reat magħmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tiġi dikjarata ħatja, **jkun kontravvenzjoni** jew ikun delitt ta' omiċidju involuntarju,*

*jew offiża involontarja fuq il-persuna, jew ħsara involontarja fuq il-proprjetà.* (Enfazi tal-Qorti.)

Fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li mhix prekluza milli tapplika ghal darb' ohra l-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 ladarba l-pieni applikabbli ghall-kontravenzjonijiet li ser jinstab hati dwarhom jinkludu ukoll id-dentenzjoni.

Ugwalment din il-Qorti lanqas ma hija prekluza li ai termini 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma tibghatx l-atti lill-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello halli tara jhekk hija ghandix tiehu dawk il-provvedimenti ulterjuri ghal ksur tal-ordnijiet maghmula permezz tas-sentenza data 21 ta' Frar 2022 kontra l-imputat u dan in vista ta' dak ukoll provdut fl-Artiklu 23(3).

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hadet nota tas-segwenti fatturi fl-ikkalibrar tal-piena:

1. Il-fedina penali tal-imputata li mhix gravi;
2. L-eta' mhux zghira tal-imputat;
3. Il-fatt li l-imputat qed isibha difficli ferm li jipprova jindirizza l-problema akuta tad-droga.
4. Il-fatt li l-kwerelanta tigi ommu u li din tixtiequ johrog mill-vizzju u jghix hajja tajba.
5. Il-fatt li huwa ghamel diversi granet taht arrest preventiv.
6. Il-fatt li l-imputat huwa bniedem kapaci u milli jidher huwa kok tajjeb u ghalhekk kapaci wkoll illi isib xoghol.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 19, 23(1), 23(2), 23(3), 23(4), 31, 49, 50, 328A, 383(1)(2)(3), 384, 385, 386, 532A, 532B, 533, 251(1)(2)(3), 221(1)(a), 251H(a), 251H(b), 251H(c), 251H(f), 251(H)(i), 208AC(2)(c), 251HA, 202(h)(iii)(v)(vii), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 7, 21(1)(2)(3)(4) u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **OWEN JOHN MIZZI MHUX HATI** tal-ewwel u tat-tieni akkuza u qed tilliberah minnhom filwaqt illi qed issib lill-imputat **OWEN JOHN MIZZI HATI** tat-tielet u tar-raba akkuza dedotta kontrih ravvizati fl-artikolu 339(1)(d)u (e) u kif ukoll qed issib lil **OWEN JOHN MIZZI HATI** taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qed tqieghed lill-hati Owen John Mizzi taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.**

**Barra minn dan ai termini tal-Artikolu 412D il-Qorti qeghda tohrog Ordni tat-Trattament fil-konfront tal-hati ghal-perjodu ta' sena biex b'hekk l-imputat ikun jista' jindirizza il-problema ta' droga. L-ufficjal tal-Probation ghandu jaghzel hu l-lok fejn l-imputat ghandu joqghod ghal programm residenzjali biex johrog mill-abbuz tad-droga u dan fit-terminu ta' din l-ordni. L-Ordni tat-Trattament ta' sena ghandha tibda fis-sehh minn dik id-data li jinstab post ghall-hati halli jibda programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga li ma ghandix tkun aktar tard minn tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti ai termini tal-artikolu 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tibaghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello halli tara jekk hija ghandhiex tiehu dawk il-provvedimenti ulterjuri ghal ksur tal-ordnijiet maghmula permezz tas-sentenza datata 21 ta' Frar 2022 kontra l-imputat.**

In oltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat li jhallas is-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€721.56c) lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali **fi zmien gimgha mil-lum**.[27]

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jottemperax ruhu ma' din is-sentenza.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.

[27] Folio 125 tal-process.